# LEĦEN IS-SANTWARJU TA' ĦAŻ-ŻABBAR



MARZU 2023 – Ħarġa Nru: 208

*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

## GĦAXAR SNIN TA' ĠESTI...

Ft-13 ta' Marzu, iċċelebrajna l-għaxar anniversarju mill-pontifikat tal-Papa Franġisku. Inkiteb ħafna dwar dawn l-għaxar snin li għaddew. Il-Papa, tista' tgħid, ta bixra aktar umana u tenera lill-Knisja Kattolika u anke lid-dinja! Ovvjament, ikun hemm dawk li jikkritikawh għal xi deċiżjoni li jkun ħa jew għal xi kliem li jkun qal.

Dak li hu żgur hu, li Papa Franġisku hu <u>Papa tal-ġesti</u> li ħafna drabi jħallu effett fuqna ħafna aktar mill-kitbiet jew diskorsi li mexxej jagħmel. Se nġibu hawn xi wħud minnhom biex naħsbu fuqhom u anke nimitawhom:

1. Malli tfaċċa fil-gallerija, hekk kif ġie elett, qabel ma ta l-Barka Urbi et Orbi, huwa talab lill-folla miġbura quddiemu, inkluż dawk minn fuq il-media biex jgħidu talba għalih. Bl-umiltà kollha huwa baxxa rasu quddiemna għat-talba tagħna.
2. L-għada li kien magħżul, huwa mar lura fid-dar tal-kleru fejn kien qed jgħix qabel il-konklavi, mhux biss biex jiġbor xi oġġetti li ħalla warajh, imma anke biex iħallas taż-żmien li hu kien residenti qabel daħal għall-konklavi!
3. L-ewwel żjara tiegħu barra l-Italja għamilha Lampedusa – gżira żgħira qrib l-Italja fejn jidħlu ħafna immigranti bil-baħar. Dan għamlu biex juri minn liema tbatija jgħaddu dawk li jaqsmu bil-baħar ifittxu futur aħjar.
4. Kemm il-darba ċempel bit-telefon lil dawk li jħallulu n-numru tagħhom fl-ittri li jibgħatulu biex jitlob għalihom. Nies li jkunu għaddejjin minn żmien diffiċli.
5. Kemm-il darba niżel għarkubbtejh fil-konfessjonarju fil-Bażilika ta' San Pietru biex jirċevi s-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni.
6. Wara laqgħa fil-Vatikan għall-mexxejja li kienu qed iwettqu gwerra qerrieda fis-Sudan t'Isfel, bi tbatija kbira, huwa niżel ibus saqajhom u talabhom bil-ħerqa biex jieqaf it-tixrid tad-demm f'dak il-pajjiż.
7. Ħadem ħafna biex jagħmel kuraġġ waqt il-Pandemija Covid-19. Tibqa' f'moħħna dik il-lejla ta' talb li għamel fi Pjazza San Pietru. Rajnieh tiela waħdu t-tarġiet taz-zuntier u ta l-barka Sagramentali lid-dinja waqt xita qliel fi pjazza vojta.
8. Malli faqqgħet il-gwerra fl-Ukraina, mar personalment għand l-ambaxxutur Russu fil-Vatikan biex jitolbu jwassal il-messaġġ tiegħu għall-waqfien mill-glied. F'kull disors li għamel matul din is-sena ta' gwerra, huwa dejjem iħeġġiġna nitolbu għal "martoriata Ukraina".



9. Kien hu li mar personalment jixtri nuċċali ġdid minn wieħed mill-ħwienet ta' Ruma m'għand ħabib antik tiegħu.
10. Ħabrek biex "il-borboni" (irġiel u nisa li jorqdu barra fit-triq), li jgħixu qrib il-Vatikan, ikollhom ħajja kemm jista' jkun deċenti. Ra li jkollhom fejn jinħaslu, jaħslu ħwejjiġhom, barbiera, tobba u ikel ħalli jtaffulhom xi ftit it-tabtija tagħhom tal-irqad barra.

Il-lista hija twila u nistgħu ninkludu ħafna ġesti oħra li l-Papa jagħmel minn żmien għal ieħor. Ejjew, f'dawn l-aħħar ġimgħat tar-Randan Imqaddes, nirriflettu fuq dawn il-ġesti u naraw aħna x'nstgħu nagħmlu minnhom. Fuq kollox nifhmu aħjar l-ispirtu warajhom.

Nawguralkom il-kumplament tar-Randan it-Tajjeb.

***Dun Evan***

## NILTAQGĦU NHAR … MARZU 2023

**Ġimgħa 3:** *L-ewwel Ġimgħa tax-xahar*. Wara l-quddiesa tas-6.00pm adorazzjoni u barka Sagramentali.
**Ħadd 5:** **It-Tieni Ħadd tar-Randan**
**Ħadd 12:** **It-Tielet Ħadd tar-Randan.** Seminar għall-ġenituri u t-tfal tal-Preċett.
**Tnejn 13:** L-għaxar anniversarju mill-għażla tal-Papa Franġisku
**Ħadd 19:** **Ir-Raba' Ħadd tar-Randan**
**Tnejn 20:** **Solennità ta' San Ġużepp, Għarus tal-Verġni Marija.** Xieraq li nqaddsu dan il-jum bis-smigħ tal-quddies
**Sibt 25:** **Solennità tat-Tħabbira tal-Mulej – l-Annunzjazzjoni.** Fil-quddies tallum u għada ssir il-ġabra għas-Seminarju.
**Ħadd 26:** **Il-Ħames Ħadd tar-Randan**
**Tnejn 27:** Fil-quddiesa tas-6.00pm isir kors ta' **Eżerċizzi għal Kulħadd** minn P.Raymond Gatt, OP.
**Ġimgħa 31:** *Festa popolari ta' Ommna Marija Addolorata.* Niċċelebraw ukoll *Jum il-Ħelsien* – festa nazzjonali u pubblika. Fil-5.30pm quddiesa. Fis-6.30pm pellegrinaġġ bil-vara tad-Duluri. Fuq iz-zuntier Ċelebrazzjoni Ewkaristika u fit-8.00pm l-aħħar quddiesa fis-santwarju.

### L-INTENZJONI TAL-PAPA GĦAL MARZU



NITOLBU għal dawk li batew mill-iżbalji minn membri tal-Knisja. Jalla jsibu fil-Knisja stess għajnuna konkreta għall-weġgħat u t-tbatijiet tagħhom.

### INGĦAQDU MAL-MULEJ GĦAL DEJJEM

***Frar 2023:***

Lonza Gili (79), Joseph Abela (77), Tereża Mizzi (77), Bernardina Farrugia (83), Tereża Costa (83), Mary Buttigieg (76), Pia Magro (80), Emanuele Buhagiar (86), John Pace (78), Maragaret Borg (92), Saviour Azzopardi (66), Carmen Bugelli (76), Salvina Sinagra (80), Fawstina Borg (89).
*Agħtihom, O, Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem…*